

- It-tielet nett, il-Qorti Ĝeneralni għandha tirrikonoxxi l-ħtieġa għall-Kummissjoni li tiżgura l-proporzjonalità tal-impenji fil-konfronti tat-terzi persuni kkonċernati.
  - 4. Ir-raba' motiv ibbaż fuq użu ħażin ta' poter imwettaq mill-Kummissjoni, peress li l-impenji li hija għamlet obbligatorji jinferixxu fil-proċess leġiżlattiv għaddej quddiem il-Parlament Ewropew, li esprima riżervi u preokkupazzjonijiet dwar it-tħassir tat-territorjalitā tal-liċenzzji fis-settaw awdjobiżiv u l-impatt tiegħu fuq il-finanzjament taċ-ċinema, il-konċentrazzjoni tas-settaw u d-diversità kulturali. Il-Kummissjoni ma ħadet l-ebda kont, u b'hekk indebitament antiċipat ir-riżultat ta' diskussjonijiet importanti leġiżlattivi peress li mexxiet negozzjati ma' imprija waħda mhux Ewropea, jiġifli Paramount. Dan il-motiv huwa magħmul minn żewġ partijiet.
  - L-ewwel parti, skont liema d-deċiżjoni kkontestata tilħaq għan li jaqa' taħt il-kompetenzi u l-għanijiet tal-leġiżlatur u mhux tal-Kummissjoni li b'hekk issostitwiet ruħha għal-leġiżlatur Ewropew.
  - It-tieni parti, skont liema s-sensiela ta' indizji mressqa minn GROUPE CANAL + hija ta' natura li tikkostitwixxi bidu ta' prova suffiċċenti sabiex tqajjem dubju serju dwar ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.
- 

### **Rikors ippreżzentat fid-9 ta' Diċembru 2016 – Karelia v EUIPO (KARELIA)**

**(Kawża T-878/16)**

(2017/C 038/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### **Partijiet**

Rikorrent: Ino Karelia (Kalamata, il-Greċja) (rappreżentant: M. Karpathakis, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

#### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenjuha kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “KARELIA” – Applikazzjoni għal regiżtrazzjoni Nru 964 502

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Settembru 2016 fil-Każ R 1562/2015-5

#### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

#### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.
- 

### **Rikors ippreżzentat fis-16 ta' Diċembru 2016 – Ir-Repubblika tal-Polenja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-883/16)**

(2017/C 038/68)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Polenja (rappreżentant: B. Majczyna)